32000R2509

L 289/11 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 16.11.2000

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2509/2000
tal-15 ta' Novembru 2000
li jippreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 dwar l-għoti ta' kumpens finanzjarju għall-irtirar ta' ċerti prodotti tas-sajd

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' prodotti tas-sajd u akwakultura [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 21(8) tiegħu,

billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000, li ħa post ir-Regolament tal-(KEE) Nru 3759/92 [2], kif emendat l-aħħar b'Regolament (KE) Nru 2792/1999 [3], b'effett mill-1 ta' Jannar 2001, jipprovdi li Stati Membri għandhom jagħtu kumpens finanzjarju lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jirtiraw ċerti prodotti mis-suq. Dak ir-Regolament aġġusta l-livelli tal-kumpens finanzjarju u neħħa l-kumpens finanzjarju speċjali għal ċirkostanzi eċċezzjonali. Issa huwa xieraq li jimtela l-qafas preskritt mir-Regolament (KE) Nru 104/2000 bl-ippromulgar ta' regoli dettaljati u bit-tħassir tar-Regolament ta' implimentazzjoni dwar dan is-suġġett, jiġifieri ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3902/92 [4], kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1338/95 [5].

(2) L-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2406/96 tas-26 ta' Novembru 1996 li jippreskrivi *standards* komuni tas-suq għal ċerti prodotti [6] tas-sajd, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 323/97 [7], jistabbilixxi li prodotti li huma kklassifikati bħala kategorija "B" mhumiex eliġibbli għall-għajnuna finanzjarja mogħtija fir-rigward tal-mekkaniżmi ta' intervenzjoni ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq. Ladarba prodotti ta' kwalità "Extra" u "A" biss huma eliġibbli għal kumpens finanzjarju għal-irtirar espress fl-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000, il-kalkulazzjoni tal-kwantitajiet eliġibbli għal dak il-kumpens finanzjarju għandha tkun ibbażata fuq prodotti ta' dawk il-kategorji.

(3) Biex jingħata inkoraġġament massimu lill-azzjoni li tistabbilizza s-suq, l-organizazzjonijiet tal-produtturi li ma josservawx il-prezz ta' l-irtirar matul is-sena tas-sajd għandhom ikunu eskluži milli jirċievu kumpens finanzjarju.

(4) Jinħtieġ li jkunu speċifikati l-kondizzjonijiet (l-bżonnijiet meħtieġa) għall-applikazzjoni tal-marġini ta' tolleranza li jipprovdi għalih l-Artikolu 21(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 biex ikunu ggarantiti l-kondizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni bejn l-organizzazzjonijiet tal-produtturi. L-użu tal-marġini ta' tolleranza għandu jkun irreklamat b'mod adekwat biex it-trasparenza tas-suq tkun assigurata.

(5) Ladarba t-talba tista' titla' u tinżel matul kull operazzjoni ta' bejgħ, prodotti m'għandhomx ikunu irtirati mis-suq qabel ma jkunu offruti għall-bejgħ. Kumpens finanzjarju għandu jingħata biss fuq prodotti li jkunu offruti għall-bejgħ b'mod mormali u ma jkunux sabu xerrej bil-prezz ta' l-irtirar tal-Komunità.

(6) Huwa ovvju li kumpens finanzjarju m'għandux jitħallas fuq ħut li fuqu ngħatat l-għajnuna *carryover* li jipprovdi għaliha l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000.

(7) Konformità sistematika ma' l-*istandards* komuni tas-suq li jirreferi għalihom l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 hija fattur determinanti fil-formazzjoni tal-prezzijiet u element kontributorju għall-istabilizzazzjoni tas-suq. L-għoti ta' kumpens finanzjarju fuq kwantitajiet eliġibbli għandu għalhekk isir b'kondizzjoni ta' konformità ma' l-*istandards* għall-kwantitajiet kollha tal-prodott in kwistjoni offrut għall-bejgħ mill-organizzazzjoni tal-produtturi jew il-membri tagħha matul is-sena tas-sajd.

(8) Kumpens finanzjarju ma jistax jitħallas sa l-aħħar tas-sena tas-sajd. Biex tkun iffaċilitata l-ħidma ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, għandu jkun possibbli li jingħata self kontra depost ta' sigurta. Għandhom isiru regoli għall-kalkulazzjoni ta' self fuq il-kumpens finanzjarju u biex ikun determinat l-ammont ta' sigurtà li jkun meħtieġ.

(9) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1925/2000 tal-11 ta' Settembru 2000 li jwaqqaf l-okkorrenzi operattivi għar-rati tal-kambju li għandhom ikunu applikati fil-kalkulazzjoni ta' ċerti ammonti li jipprovdu għalihom il-mekkaniżmi tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-prodotti tas-sajd u akwakultura [8] jiddetermina l-okkorrenza operattiva għar-rata tal-kambju ta' kumpens finanzjarju. Din ir-rata tal-kambju tkun riflessa ukoll fil-kalkulazzjoni ta' self fuq il-kumpens finanzjarju.

[1] ĠU L 17, tal-21.1.2000, p. 22.
[2] ĠU L 388, tal-31.12.1992, p. 1.
[3] ĠU L 337, tat-30.12.1999, p. 10.
[4] ĠU L 392, tal-31.12.1992, p. 35.
[5] ĠU L 129, ta' l-14.6.1995, p. 7.
[6] ĠU L 334, tat-23.12.1996, p. 1.
[7] ĠU L 52, tat-22.2.1997, p. 8.
[8] ĠU L 230, tat-12.9.2000, p. 7.

(10) L-għoti ta' kumpens finanzjarju għandu jkun estiż għal ħut offrut għall-bejgħ u rtirat mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi jew il-membri tagħhom fi Stati Membri oħra. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri l-oħra li fihom il-ħut kien offrut għall-bejgħ jew irtirat jew imħolli għall-quddiem għandhom joħorġu document li jiċċertifika dan u jibgħatu kopja.

(11) L-identifikazzjoni ta' bastiment tas-sajd teħfief u tkun iktar preċiża (jekk issir) b'riferenza għan-numru tal-bastiment fir-reġistru tal-flotta milli bl-isem tal-bastiment. Iċ-ċertifikat li jinħareġ ma' l-iżbark fi Stat Membru ieħor għandu jkun emendat biex jirrikjedi mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jirreferu għar-reġistru tal-flotta interna.

(12) Kull Stat Membru għandu jintroduċi sistema ta' kontroll biex tivverifika illi ċ-ċifri mogħtija fl-applikazzjonijiet għall-kumpens finanzjarju jaqblu mal-kwantijitajiet attwalment offruti għall-bejgħ u rtirati. Il-Kummissjoni għandha tkun mgħarrfa b'dawn is-sistemi ta' kontroll ħalli tassigura konformità xierqa mal-leġislazzjoni.

(13) Il-miżuri li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Immaniġġjar tal-Prodotti tas-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwantitajiet eliġibbli għall-kumpens finanzjarju taħt l-Artikolu 21(3)(a) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 għandhom ikunu kkalkulati fuq il-bażi ta' kwantitajiet li huma kklassifikati taħt l-istandards tas-suq espressi skond l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament bħala li huma ta' kwalità "Extra" u "A" biss.

Artikolu 2

1. Kumpens finanzjarju jingħata lil organizzazzjonijiet tal-produtturi bil-kondizzjoni li huma japplikaw, u jassiguraw li l-membri tagħhom jikkonformaw mal-prezz ta' rtirar tal-Komunità matul is-sena tas-sajd meta l-prodotti huma għall-ewwel darba offruti għall-bejgħ, b'mod konformi mal-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 21(1)(a) u (ċ) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000.

2. Jekk l-użu tal-marġini ta' tolleranza li jipprovdi għalih l-Artikolu 21(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 iwassal biex ikunu ddeterminati livelli ta' prezzijiet ta' rtirar differenti għall-istess kategorija ta' prodotti minn organizzazzjonijiet tal-produtturi f'arja partikolari, kull waħda minn dawn l-organizzazzjonijiet tista' taddotta l-livell ta' prezzijiet iddeterminat minn organizzazzjoni tal-produtturi oħra fl-istess area b'effett mid-data li jidħol fis-seħħ u għall-perjodu relevanti.

3. Il-livell tal-prezz ta' l-irtirar stabbilit minn organizzazzjoni tal-produtturi billi tuża l-marġini ta' tolleranza għandu japplika għall-kwantitajiet offruti għall-bejgħ minn dik l-organizzazzjoni jew membri tagħha, inklużi dawk offruti għall-bejgħ barra mill-arja ta' attività tagħha.

Madankollu, kull organizzazzjoni tal-produtturi, jew wieħed mill-membri tagħha, li tbigħ il-prodotti tagħha f'arja li mhix l-arja ta' attività tagħha tista' tapplika kemm il-livell tal-prezzijiet ta' rtirar tagħha stess li m'għandux ikun ibjex mil-livell ta' prezzijiet fiż-żona kkonċernata kif ukoll wieħed minn dawk adottati, wara l-applikazzjoni eventwali tal-marġini ta' tolleranza, mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi stabbiliti f'dik l-arja.

4. Il-prezz ta' rtirar m'għandux jinkludi spejjeż li ntefqu wara l-iżbark tal-prodotti ħlief spejjeż ta' ġarr li saru meħtieġa minħabba bejgħ bi rkant jew matul il-mollijiet.

Artikolu 3

1. Kull organizzazzjoni tal-produtturi li tapplika l-marġini ta' tolleranza fuq il-prezz ta' rtirar tal-Komunità għandha tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih hija (tkun) rrikonoxxuta il-livell tal-prezz ta' rtirar adottat għal kull kategorija ta' prodotti f'kull parti ta' l-arja ta' attività tagħha, għall-inqas jumejn tax-xogħol qabel tkun se ssir applikabbli.

Jekk organizzazzjoni tal-produtturi għandha l-intenzjoni tbiddel il-perjodu ta' applikazzjoni tal-marġini ta' tolleranza jew il-livell tal-prezz ta' rtirar, jew li tagħmel użu mill-għażla li jipprovdi għaliha l-Artikolu 2(2), hi għandha tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti għall-inqas jumejn tax-xogħol qabel id-data ta' applikazzjoni tad-deċiżjoni tagħha.

Id-deċiżjonijiet kollha li jirreferi għalihom dan il-paragrafu għandhom japplikaw għall-inqas għal ħamest ijiem tax-xogħol.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat għandhom jassiguraw li t-tagħrif kollu ikkomunikat skond il-paragrafu 1 ikun irriklamata bla dewmien b'mod konformi mal-modi u d-drawwiet reġjonali.

3. Permezz ta' deroga mir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1182/71 [1], u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, is-Sibtijiet, il-Ħdud u l-festi pubbliċi għandhom jitqiesu bħala jiem tax-xogħol sakemm l-offerta għall-bejgħ toħroġ skond l-Artikolu 4(1)(c).

Artikolu 4

1. Kwantitajiet irtirati mis-suq għandhom jitqiesu li jkunu kwantitajiet eliġibbli għal kumpens finanzjarju biss jekk:

(a) kienu nqabdu minn membru ta' organizzazzjoni tal-produtturi;

(b) kienu offruti għall-bejgħ:

(i) permezz l-organizzazzjoni tal-produtturi, jew

(ii) minn membru skond ir-regoli komuni mwaqqfa mill-organizzazzjoni tal-produtturi, kif jirreferi għalihom l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000;

[1] ĠU L 124, tat-8.6.1971, p. 1.

(ċ) qabel l-irtirar kienu offruti għal bejgħ milħuq mill-partijiet interessati kollha skond il-modi u d-drawwiet reġjonali u lokali, li matulu kien stabbilit li ma sabux xerrej bil-prezz determinat skond l-Artikolu 21(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 104/2000;

(d) ma kinux suġġetti għal xi talba għall-għajnuna *carryover* li jirreferi għaliha l-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000 u ma bbenefikawx minn din l-għajnuna.

2. L-għotja ta' kumpens finanzjarju għal kwantitajiet eliġibbli skond il-paragrafu 1 tkun suġġetta għall-kondizzjoni illi, għall-prodott jew grupp ta' prodotti kkonċernat, il-kwantitajiet kollha offruti għall-bejgħ mill-organizzazzjoni tal-produtturi jew il-membri tagħha matul is-sena tas-sajd kien qabel ikklassifikat skond l-*istandards* tas-suq preskritti skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 104/2000.

Artikolu 5

1. Il-kumpens finanzjarju għandu jitħallas lil organizzazzjonijiet tal-produtturi, wara applikazzjoni, wara tmiem kull sena tas-sajd.

2. Applikazzjonijiet għal ħlas tal-kumpens finanzjarju għandhom jintefgħu minn organizzazzjonijiet tal-produtturi lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru mhux iktar tard minn erba' xhur wara tmiem is-sena tas-sajd ikkunċernata.

3. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom iħallsu l-kumpens finanzjarju mhux iktar tard minn tmien xhur wara tmiem is-sena tas-sajd ikkonċernata.

Kull Stat Membru għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Komunità l-isem u l-indirizz tal-korp responsabbli għall-għoti tal-kumpens finanzjarju.

Artikolu 6

Wara applikazzjoni mill-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernati, Stati Membri għandhom kull xahar jagħtu self fuq il-kumpens finanzjarju fuq kondizzjoni li l-applikant ikun għamel depost ta' sigurta ugwali għal 105 % ta' l-ammont tas-self.

Is-self għandu jkun ikkalkulat skond il-metodu speċifikat fl-Anness I.

Artikolu 7

Jekk organizzazzjoni tal-produtturi jew wieħed mill-membri tagħha toffri għall-bejgħ il-prodotti tagħha fi Stat Membru differenti minn dak li fih hija rrikonoxxuta, l-awtorità kompetenti ta' l-ewwel Stat Membru għandha toħroġ, wara applikazzjoni u mingħajr dewmien, lill-organizzazzjoni in kwistjoni jew lill-membru tagħha, ċertifikat li l-kontenut tiegħu għandu jkun skond il-kampjun preskritt fl-Anness II, u għandha tibgħat fl-istess ħin, permezz ta' mezzi uffiċjali, kopja ta' dan lill-korp responsabbli għall-għoti tal-kumpens finanzjarju fl-Istati Membri l-oħra.

Applikazzjonijiet għall-ħruġ taċ-ċertifikat għandhom jintbagħtu lill-awtorità kompetenti kkonċernata immedjatament wara li l-prodotti jkunu offruti għall-bejgħ.

Artikolu 8

1. Stati Membri għandhom jintroduċu sistema ta' kontroll biex jivverifikaw li l-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjonijiet taqbel mal-kwantitajiet attwalment offruti għall-bejgħ u rtirati mis-suq mill-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernata.

2. Stati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda skond paragrafu 1 hekk kif ikunu adottati, u f'kull każ sal-31 ta' Jannar 2001.

Stati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'miżuri eżistenti fil-qasam kopert bil-paragrafu 1 sal-31 ta' Jannar 2001.

Artikolu 9

Regolament (KEE) Nru 3902/92 huwa mħassar.

Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Hu għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2001.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' Novembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS 1

KALKULAZZONI TAL-ĦLAS BIL-QUDDIEM TAL-KUMPENS FINANZJARJU (1)

Speċi: ..... Xahar: .....

A. Kwantità ta' kategoriji ta' freskezza "Extra" u "A" offruti għall-bejgħ bejn l-1 ta' Jannar u l-aħħar jum tax-xahar: ..... kg

B. Total ta' irtirar akkumulat għall-kategoriji ta' freskezza "Extra" u "A" matul l-istess perjodu: ..... kg

C. Persenteġġ medju ta' irtirar matul l-istess perjodu: ..... % (B/A x 100)

L-ewwel faxxa: livell ta' kumpens ta' 85 %

Kumpens finanzjarju = (prezz ta' l-irtirar x 0,85 – valur stàndard)

D1. Kwantitajiet total ta' irtirar għandhom jiġu nklużi f'din il-faxxa (sa u inkluż 4 % tal-prodotti offruti għall-bejgħ

Xahar	Irtirar bil-kategorija u l-qies (kg)	Ammont li għandu jitħallas lura (EUR) (1)	Rata tal-kambju tat-22 jum tax-xahar ta' qabel	Ammont li għandu jitħallas lura fil-munita nazzjonali
Total				

(1) Ammont f'Ewro fix-xahar: ammont totali li għandu jingħata lura skond kull kategorija u qies immultiplikat bil-kwantitajiet irtirati ta' dawn il-kategoriji u qisien.

It-tieni faxxa: livell ta' kumpens ta' 55 % (2)

Kumpens finanzjarju = (prezz ta' l-irtirar x 0,55 – valur stàndard)

D2. Antitajiet total ta' irti ġħandhom jiġu nklużi f'din il-blokka (minn 4 % sa u inkluż 8 % (3) tal-prodotti offruti għall-bejgħ

Xahar	Irtirar bil-kategorija u l-qies (kg)	Ammont li għandu jitħallas lura (EUR) (1)	Rata tal-kambju tat-22 jum tax-xahar ta' qabel	Ammont li għandu jitħallas lura fil-munita nazzjonali
Total				

(1) Ammont f'Ewro fix-xahar: ammont totali li għandu jingħata lura skond kull kategorija u qies immultiplikat bil-kwantitajiet irtirati ta' dawn il-kategoriji u qisien.

Ħlas bil-quddiem kull xahar

Ħlas bil-quddiem għax-xahar fil-kwistjoni huwa ugwali għas-somma tal-ħlas bil-quddiem għal kull faxxa

1	2	3
Stima tat-total ta' flus imħallsa bil-quddiem (faxxa 1 u faxxa 2)	Total akkumulat ta' flus (imħallsa bil-quddiem) riċevuti għax-xhur ta' qabel	Flus imħallsa bil-quddiem li għandhom jaslu għax-xahar fil-kwistjoni (1 – 2)

(1) Jekk ikun meħtieġ, il-kalkolu għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni proviżjonali (li għandha tiġi ffinalizzata matul ix-xahrejn ta' wara x-xahar fil-kwistjoni).
(2) Fl-2001, dan il-persentaġġ għandu jkun ta' 75 % u fl-2002, 65 %.
(3) Dan il-persentagg għandu jkun 10 % għall-ispeċi pelaġiċċ kollha f'L-Anness 1 għar-Regolament (KE) Nru 104/2000 (Tonn alalunga jew lonfinned ta' l-ispecI *(Thunnus alalunga*, aringi ta' l-ispeċi *Clupea harengus*, sardin ta' l-ispeċi *Sardina pilchardus* sugu sardīnes, kavalli ta' l-ispeċi *Scomber scombrus* u *Scomber japonicus*, inċova ta' l-ispeċI *Engraulis* spp.).

L-ANNESS II

STAT MEMBRU .....

Ċertifikat maħruġ skond l-Artikolu 7

1. Applikant

   (a) Organizzazzjoni li produtturi (isem u indirizz): .....

   .....

   (b) Il-Membru li qed jippreżenta ruħu minflok l-organizzazzjoni (isem): .....

   .....

   (c) In-numru ta' reġistrazzjoni tal-flotta interna: .....

   .....

2. Kwantitajiet mibjugħa (bil-prodott u piż kull kg) .....

3. Data: .....

4. Il-prezz tal-Komunità għall-irtirar (ara artiklu 20 [1] tar-Regolament(KE) Nru. 104/2000) kien applikat għall-kwantitajiet indikati fil-paragrafu 2?

IVA	LE

   Il-prezz reġjonali għall-irtirar (ara Artiklu 20 (2) ta-Regolament ta' hawn fuq) kien applikat?

IVA	LE

5. Mill-kwantitajiet indikati fil-paragrafu 2, il-volummi li ġejjin kienu irtirati mis-suq sabiex il-kumpens finanzjarju jkun jista' jingħata:

   (a)

prodott	kategorija tal-prodott	Kwantitajiet skond il-prodott (kg)
.....	.....	.....
.....	.....	.....
.....	.....	.....

   (b) Il-prodotti rtirati, skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1501/83 [1] ġew mormija kif ġej:

prodott	kwantitajiet (kg)	għażla
.....	.....	.....
.....	.....	.....
.....	.....	.....

   L-oriġinal maħruġ lill-organizzazzjoni tal-produtturi jew lill-membru imsemmi fin-numru 1.

   Kopja għall-entità responsabbli għall-għoti ta' kumpens fi Stat Membru fejn l-organizzazzjoni tal-produtturi skond numru 1 hija rikonoxxuta.

....

firma ta' l-applikant firma/timbru ta' l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru

---

[1] ĠU L 152, ta' 1.10.1983, p. 22.